

Brussell, 4 ta' Diċembru 2024  
(OR. en)

16392/24

SOC 890  
EMPL 603  
COH 76  
ANTIDISCRIM 172

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                           |                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|---------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                   |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                   |
| Nru. dok. preċ.: 15610/24 |                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| Suġġett:                  | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjieg sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fit-2 ta' Diċembru 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**dwar it-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjegi sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, billi jitnaqqsu l-inugwaljanzi territorjali**

**FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI:**

1. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà u d-drittijiet tal-bniedem huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-UE hija impenjata fl-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u t-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.
2. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenfasizza, fost l-oħrajn, li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi (Prinċipju 1), għal opportunitajiet indaqs (Prinċipju 3), u għal appoġġ attiv għall-impjieg (Prinċipju 4). Barra minn hekk, it-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u għal edukazzjoni u kura bikrija affordabbli ta' kwalità tajba (Prinċipju 11). Dan tal-aħħar jista' jikkontribwixxi wkoll għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha (Prinċipju 2). Kull min m'għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji tal-introjtu minimu adegwati li jiżguraw ħajja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv għal oġġetti u servizzi ta' sostenn (Prinċipju 14), u kulħadd għandu d-dritt għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva f'waqtha (Prinċipju 16). Il-Pilastru jirreferi wkoll għall-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali jew għall-għajnuna għall-akkomodazzjoni għal dawk fil-bżonn (Prinċipju 19) u l-aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba (Prinċipju 20).

3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom adottata mill-Kunsill fl-2021 appellat lill-Istati Membri biex jikkonsolidaw l-isforzi biex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-esklużjoni soċjali u ekonomika u l-kawżi ewlenin tagħhom, u għal dak l-għan, biex isegwu approċċ integrat. Minbarra l-prevenzjoni u l-indirizzar tal-antiżingariżmu bħala prijorità trasversali bħala parti mill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni, għall-oġettivi settorjali kollha koperti mir-Rakkomandazzjoni bħall-edukazzjoni, l-impjiegi, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u s-servizzi essenzjali, huwa rrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw aċċess ugwali effettiv mingħajr ostakli għal dawk is-servizzi. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Istati Membri jħeġġu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżviluppaw jew jaġġornaw l-azzjoni lokali tagħhom jew il-pjanijiet ta' desegregazzjoni, kif ukoll l-oqfsa strateġiċi tagħhom, u li dawn ikun fihom miżuri, linji bażi, punti ta' riferiment, oġettivi li jistgħu jitkejlu u allokkazzjonijiet ta' finanzjament.
4. Fil-linji gwida tagħha għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali dwar ir-Rom, il-Kummissjoni Ewropea tirrakkomanda li l-oqfsa strateġiċi nazzjonali dwar ir-Rom jimmiraw interventi territorjalment biex jiżguraw li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali u jikkombinaw l-immirar tal-gruppi territorjali u soċjali fil-forma ta' interventi wiesgħa (eż. biex jiġi indirizzat il-faqar estrem), u tiġi indirizzata l-esklużjoni diġitali tar-Rom. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw li tali interventi jilhqqu lir-Rom. L-indikaturi meħtieġa għall-monitoraġġ, li jirriflettu s-segregazzjoni residenzjali, l-aspetti ġeografiċi tas-sitwazzjoni tar-Rom, u l-aċċess għas-servizzi u l-infrastruttura f'żoni differenti, għad iridu jiġu żviluppati aktar.
5. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal tirrakkomanda li l-Istati Membri jiggarantixxu li t-tfal fil-bżonn ikollhom aċċess effettiv u fejn rilevanti mingħajr hłas għas-servizzi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għal dak l-għan, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jseguw approċċ integrat u multidixxiplinari meta jindirizzaw id-dimensjoni territorjali tal-esklużjoni soċjali, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni speċifika tat-tfal ikkonċernati f'żoni urbani, rurali, remoti u żvantaġġati.

6. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali tenfasizza l-kontribut tal-ekonomija soċjali għall-inklużjoni soċjali ta' gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati. Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jistabbilixxu jew jinkoraġġixxu inizzjattivi ta' sħubija li jinvolvu entitajiet tal-ekonomija soċjali fit-tfassil u t-twettiq ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol kif ukoll servizzi soċjali u ta' kura ċċentrati fuq in-nies.
7. Fir-riżoluzzjoni tiegħu adottata fl-2022, il-Parlament Ewropew enfasizza li ħafna Rom fl-Ewropa għadhom jgħixu fil-faqar u huma soċjalment esklużi, problema li tmur id f'id mas-segregazzjoni territorjali u l-aċċess inugwali għas-servizzi. Hija nnotat li ħafna Rom jgħixu f'reġjuni soċjoekonomikament żvantaġġati u appellat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw urġentement b'mod komprensiv u effettiv is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti, b'politiki u finanzjament xierqa.
8. Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u l-istat soċjali fl-UE jenfasizza l-importanza ta' stat soċjali inklużiv u ġust u jsib, fost l-oħrajn, li d-diġitalizzazzjoni u l-bidla teknoloġika jippreżentaw kemm riskji kif ukoll opportunitajiet, filwaqt li l-lakuni fil-ħiliet u fl-aċċess għall-IT iġorru r-riskju ta' żieda fl-inugwaljanzi. Barra minn hekk, ir-rapport jissuġġerixxi li l-iżviluppi teknoloġiċi joħolqu opportunitajiet għall-organizzazzjoni u l-effiċjenza tal-protezzjoni soċjali. B'dan il-ħsieb, il-Grupp ta' Livell Għoli jirrakkomanda fost l-oħrajn li l-Istati Membri jtejbu l-forniment tas-servizzi fil-livell lokali u jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni. Jirrakkomanda wkoll li l-inklużjoni soċjali u l-aċċess ugwali għat-trasport pubbliku għandhom ikunu parti mill-ippjanar urban u rurali u għandhom ikunu appoġġati minn sussidji pubbliċi, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari liż-żoni żvantaġġati.
9. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jagħmlu sforzi kontinwi biex isaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Permezz tal-politika ta' koeżjoni tagħha, l-UE timmira li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tad-diversi reġjuni, b'attenzjoni partikolari mogħtija liż-żoni rurali, iż-żoni milquta mit-tranżizzjoni industrijali, u r-reġjuni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi severi u permanenti. L-UE tappoġġa l-implimentazzjoni ta' objettivi maqbula li jippromwovu l-koeżjoni territorjali u l-iżvilupp soċjoekonomiku permezz ta' finanzjament tal-politika ta' koeżjoni b'enfasi partikolari fuq reġjuni inqas żviluppati.

10. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) huwa għodda ta' finanzjament kruċjali tal-UE għall-investiment fl-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet kif ukoll l-inklużjoni soċjali. Huwa jappoġġa, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati bħar-Rom u ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż il-migranti, u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali inkluż il-persuni l-aktar fil-bżonn u t-tfal. L-Istati Membri kollha huma obbligati jallokaw mill-inqas 25 % tar-riżorsi tagħhom mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u mill-inqas 3 % għal miżuri li jappoġġaw lil daww l-aktar fil-bżonn, billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali permezz tal-ikel u/jew assistenza materjali bażika u jipprovdu miżuri ta' akkumpanjament li jappoġġaw l-inklużjoni soċjali tagħhom, jew billi jippromwov l-integrazzjoni soċjali tal-persuni friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. L-Istati Membri b'livell ta' faqar fost it-tfal ogħla mill-medja tal-UE huma meħtieġa jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE + tagħhom biex jindirizzawh.
11. Filwaqt li jenfasizza s-suċċessi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, speċjalment f'termini ta' konverġenza kontinwa 'l fuq fl-UE, id-disa' Rapport ta' koeżjoni tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ippubblikat f'Marzu 2024, jindika li d-disparitajiet territorjali għadhom jeżistu u jaffettwaw l-iżvilupp ekonomiku u soċjoekonomiku ġenerali tal-Ewropa. Mhux ir-reġjuni kollha jibbenefikaw mill-istess dinamika ta' tkabbir. Dawn id-differenzi fix-xejriet ekonomiċi huma parzjalment riflessi fis-suq tax-xogħol u fid-differenzi edukattivi, u minkejja l-konverġenza osservata fl-UE, għad hemm sfidi, bħall-inugwaljanzi subnazzjonali bejn żoni metropolitani kbar u reġjuni oħra li għadhom lura, inkluż reġjuni maqbuda f'"nassa tal-iżvilupp". Ir-rapport jindika wkoll li fir-reġjuni urbani n-nies għandhom aċċess aħjar għall-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll għas-servizzi tas-saħħa. Ir-reġjuni metropolitani jikkonċentraw il-kapital uman, jiżguraw kwalità għolja tas-servizzi u minħabba dan, naturalment jattiraw l-investiment. Madankollu, l-attrazzjoni tagħhom tista' wkoll tiġi bi prezz: konġestjoni, sfidi soċjali, u spejjeż tal-akkomodazzjoni ogħla, li jistgħu jdgħajfu l-kompetittività tagħhom. B'mod ġenerali, il-polarizzazzjoni territorjali kkawżata minn diverġenzi interni fl-iżvilupp soċjoekonomiku tista' ddgħajef il-kompetittività tal-Istati Membri u tal-UE, kif ukoll is-sostenibbiltà tat-tkabbir fit-tul. Mudell ta' żvilupp aktar poliċentriku li jibni fuq b'liet żgħira u ta' daqs medju u li jippromwovi l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi f'żoni mbiegħda miċ-ċentri urbani kbar jista' jservi biex itaffi dawn l-iżbilanċi territorjali.

12. Fl-istess rapport, il-Kummissjoni tindika wkoll li bejn l-2013 u l-2019 il-proporzjon ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) naqas minn 35 % għal 28 % f'reġjuni inqas żviluppatti, filwaqt li f'reġjuni aktar żviluppatti dan baqa' kif kien ta' 19 %. Ir-rata tal-AROPE fl-UE naqset bejn l-2015 u l-2019 u baqgħet l-istess minn dak iż-żmien sal-2022 fil-bliet, is-sobborġi u fiż-żoni skarsament popolati. Fis-seba' snin sal-2022, din ir-rata naqset b'medja ta' 2.4 punti perċentwali għal 22 %, u t-tnaqqis kien partikolarment kbir fiż-żoni rurali (4.3 punti perċentwali), u f'ċerti Stati Membri t-tnaqqis kien saħansitra ogħla (7.4 punti perċentwali).
13. Jekk jibqgħu ma jiġux indirizzati, l-isfidi demografiċi jistgħu jsiru restrizzjoni fit-tul għall-kompetittività tal-UE u theddida dejjem akbar għall-koeżjoni minħabba r-riskju ta' żieda fid-disparitajiet bejn ir-reġjuni u fir-reġjuni nfushom. Dawn l-isfidi huma l-aktar akuti f'żoni u reġjuni remoti u rurali, fejn l-isfidi tad-depopolazzjoni, it-tixjiħ demografiku u forza tax-xogħol li qed tonqos huma l-aktar prevalenti. Għalhekk pass neċessarju u effettiv fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa t-tnaqqis tal-inugwaljanzi territorjali, inkluż permezz tat-titjib tal-aċċess għas-servizzi fil-livell lokali, li jista' jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE.
14. Fl-2022, 7.6 %<sup>1</sup> tal-persuni li kienu friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea ma setgħux jaffordjaw li jkollhom konnessjoni tal-internet, meta mqabbla ma' 2.4 % tal-popolazzjoni ġenerali tal-UE<sup>2</sup>, li juri disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri. Fl-2023, 56 % biss tal-persuni ta' età bejn is-16 u l-74 sena fl-UE kellhom mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi<sup>3</sup>. Importanti wkoll huwa d-distakk urban u rurali. Fiż-żoni rurali, l-aċċess għall-konnessjonijiet tal-broadband u għan-networks mobbli jista' jkun limitat, ta' kwalità inferjuri, jew jiswa aktar<sup>4</sup>. Sadanittant, il-livell tal-edukazzjoni formali għandu impatt fuq il-livell tal-ħiliet diġitali. Id-distakk fil-ħiliet diġitali bażiċi bejn individwi b'edukazzjoni għolja (80 %) u dawk mingħajr edukazzjoni formali jew b'livell baxx ta' edukazzjoni formali (34 %) fl-UE kien ta' 46 punti perċentwali<sup>5</sup>.

---

<sup>1</sup> Fl-2021, iċ-ċifra kienet ta' 8.4 %.

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Report on Access to Essential Services in the EU, Ġunju 2023

<sup>3</sup> Eurostat, "Glossary: Digital Skills Indicator", Awwissu 2023

<sup>4</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Report on Access to Essential Services in the EU, Ġunju 2023

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Skills\\_for\\_the\\_digital\\_age](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Skills_for_the_digital_age)

15. Is-sejbiet tal-istħarriġ tal-2021 dwar ir-Rom tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) juru li r-Rom madwar l-Ewropa jiffaċċaw livelli għoljin ta' deprivazzjoni, marġinalizzazzjoni, diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali. Il-proporzjon ta' Rom li jgħixu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar ivarja bejn il-pajjiżi<sup>6</sup> koperti mill-istħarriġ. Madwar 80 % tar-Rom jinsabu f'riskju ta' faqar (AROP) u dan ma nbidilx bejn l-2016 u l-2021. Bħala medja, iċ-ċifra tal-AROP hija l-oġġla fost ir-Rom li jgħixu fil-bliet (żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni, 87 %) u fiż-żoni rurali (żoni b'popolazzjoni baxxa, 83 %). Fl-ibliet u s-sobborgi (żoni b'densità intermedja) hija ta' 78 %. Is-sejbiet tal-istħarriġ juru li aktar Rom jikkompletaw mill-inqas l-edukazzjoni sekondarja għolja fiż-żoni urbani meta mqabbla maż-żoni rurali. Fir-rigward tal-impjiegi, 43 % biss tar-Rom ta' bejn l-20 u l-64 sena kienu f'xogħol bi hla fit-tmien Stati Membri tal-UE<sup>7</sup> fejn sar l-istħarriġ, irrISPettivament minn jekk kinux jgħixu f'żoni rurali jew urbani.
16. Fl-istess rapport, medja ta' 55 % tar-Rom għandhom konnessjoni tal-internet għall-użu personali meta jkun meħtieġ. Il-proporzjon jonqos għal 47 % għar-Rom li jgħixu f'żoni rurali, u jiżdied għal 60 % għar-Rom fl-ibliet kbar, fl-ibliet u fis-subborgi. Id-differenza hija saħansitra akbar meta jitqabblu r-Rom li jgħixu f'unitajiet domestiċi f'riskju ta' faqar (52 %) u dawk li ma jgħixux f'dan ir-riskju (71 %). 34 % biss tar-Rom f'żoni rurali għandhom kompjuter, meta mqabbla ma' 43 % fl-ibliet kbar u 42 % fl-ibliet u fis-subborgi.

---

<sup>6</sup> Iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Serbja, Spanja u l-Ungerija.

<sup>7</sup> Iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u l-Ungerija.

17. L-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni tenfasizza r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżgurar ta' aċċess ekwu għas-servizzi essenzjali. L-opinjoni tenfasizza l-isfidi ffaċċati fl-għoti tas-servizzi soċjali, b'mod partikolari f'żoni remoti u mhux moqdiya biżżejjed, minħabba d-disparitajiet fl-infrastruttura, l-aċċess diġitali u l-persunal tas-sengħa, kif ukoll ir-restrizzjonijiet fiskali. Hija tippromwovi strateġija komprensiva ta' żvilupp reġjonali li tintegra t-tnaqqis tal-faqar, l-inklużjoni soċjali, il-litteriżmu diġitali u t-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li tappella għal investimenti mmirati f'żoni żvantaġġati. Barra minn hekk, jenfasizza, fost l-oħrajn, il-ħtieġa għal mudelli mtejbja ta' twassil ta' servizzi, kooperazzjoni transfruntiera msaħħa, l-importanza tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura diġitali u s-servizzi tat-trasport pubbliku. Minbarra din l-opinjoni, il-valutazzjonijiet tal-impatt b'aspetti territorjali, bħal dawk imwettqa regolarment mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, huma importanti għall-analiżi u l-mitigazzjoni tal-effetti asimmetriċi potenzjali tal-miżuri individwali tal-UE fid-diversi territorji tal-UE.

#### **JISSOTTOLINJAW LI:**

18. Minkejja t-titjib żgħir fis-sitwazzjoni mill-2019, madwar 95 miljun Ewropew baqgħu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2023, li juri li l-ilħuq tal-mira ewlenija tal-2030<sup>8</sup> u l-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-faqar ser jirrikjedu progress aktar rapidu u sforzi ulterjuri qabel tmiem id-deċennju. Għalkemm l-Istati Membri jiffaċċaw sfidi differenti fl-indirizzar effettiv tal-ħtiġijiet tal-persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali, u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi territorjali huma sforz komuni li jista' jappoġġa l-kisba tal-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar, il-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv.

---

<sup>8</sup> Waħda mill-miri ewlenin tal-UE għall-2030 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hija li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali jitnaqqsu mill-inqas bi 15-il miljun (li minnhom mill-inqas 5 miljuni għandhom ikunu tfal) meta mqabbel mal-livell tal-2019.



19. F'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom u fil-kuntest usa' tal-politiki rispettivi tagħhom dwar l-inklużjoni soċjali u f'konformità mal-qafas strateġiku tal-UE dwar ir-Rom, l-Istati Membri ħejjew oqfsa strateġiċi nazzjonali dwar ir-Rom biex jappoġġaw lir-Rom fl-UE f'seba' oqfsa ewlenin ta' attenzjoni: l-ugwaljanza, l-inklużjoni, il-parteċipazzjoni, l-educazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni. Filwaqt li l-għan huwa l-ugwaljanza sħiħa, inkluż il-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-antiżingariżmu u d-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni pproponiet miri minimi għall-2030, li jirrikjedu li jiġu stabbiliti politiki adegwati mill-Istati Membri. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn l-oqfsa jeħtieġu aktar sforzi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
20. L-inugwaljanzi territorjali u soċjali, inkluż is-sitwazzjoni u l-pożizzjoni territorjali tal-persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, iwarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Fl-approċċ tal-Unjoni Ewropea għall-iżvilupp territorjali, l-għodod ibbażati fuq l-ippjanar territorjali strateġiku u l-karatteristiċi territorjali differenti, kif ukoll l-importanza tal-innovazzjonijiet lokali, qed jiġu enfasizzati dejjem aktar, u l-istabbiliment ta' sħubiji huwa aspett dejjem aktar importanti. F'termini ta' Prattiki ta' Żvilupp Reġjonali u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom fl-Istati Membri, għad fadal ħafna opportunitajiet mhux sfruttati.

21. Għalkemm l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jagħmlu sforzi kontinwi biex jippromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jistgħu jiġu identifikati sfidi u lakuni differenti fil-konverġenza mhux biss bejn l-Istati Membri jew ir-reġjuni, iżda wkoll fil-livell subreġionali. Ċerti partijiet ta' municiipalitajiet (speċjalment fi bliet akbar), jew saħansitra municiipalitajiet sħaħ, bħal villaġġi iżgħar, jistgħu jsiru territorji b'sehem għoli ta' persuni friskju li jiġu esklużi soċjalment. Sfidi kumplessi bħal żvantaġġi u bidliet soċjoekonomiċi, spiss ikunu preżenti f'dawn it-territorji żvantaġġati u jistgħu jikkawżaw livelli għoljin ta' qgħad. Minbarra n-nuqqas ta' servizzi essenzjali<sup>9</sup>, id-disponibbiltà ta' servizzi ta' sostenn ta' kwalità<sup>10</sup> u servizzi tal-impjiegi li għandhom rwol fl-inklużjoni soċjali u jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali hija wkoll sfida karatteristika. It-territorji żvantaġġati spiss jospitaw persuni li jiffaċċaw il-faqar u forom multipli ta' esklużjoni, segregazzjoni u diskriminazzjoni, u li spiss jappartjenu għal minoranzi, bħar-Rom, jew li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni.
22. Il-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħaħ u attivi ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, u miżuri biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, is-segregazzjoni u l-antiżingariżmu huma essenzjali għall-iżgurar ta' aċċess ugwali u effettiv għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità.

<sup>9</sup> F'konformità mal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-servizzi li ġejjin jinkludu: ilma, miżuri sanitarji, enerġija, trasport, servizzi finanzjarji u komunikazzjonijiet diġitali.

<sup>10</sup> F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva, "servizzi ta' sostenn" tfisser servizzi mmirati lejn il-bżonnijiet speċifiċi ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li jkun jistgħu jintegraw fis-soċjetà u, fejn rilevanti, fis-suq tax-xogħol, inkluż servizzi ta' inklużjoni soċjali, pereżempju ħidma soċjali, konsulenza, ikkowċjar, mentoraġġ, appoġġ psikoloġiku, riabilitazzjoni u servizzi ġenerali oħrajn ta' sostenn, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-akkomodazzjoni. [il-paragrafu (2) il-punt f)]

23. Miżuri universali kkumplementati minn miżuri mmirati għandhom l-għan li jiżguraw inklużjoni attiva. Networks soċjali, infrastrutturali u ta' servizzi inklużivi fil-livell lokali u reġjonali li jiżguraw aċċess effettiv u ugwali għal kulħadd jistgħu jappoġġaw il-koeżjoni soċjali u t-tkabbir inklużiv. Barra minn hekk, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tat-trasport huma essenzjali għall-aċċess għal servizzi ta' sostenn u għas-servizzi tal-impjiegi. Użu aktar effiċjenti tar-riżorsi fil-livell reġjonali; it-tisħiħ tan-networks lokali; konsulenza u forum oħra ta' appoġġ, huma wkoll fatturi importanti f'termini tal-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-iżviluppi u l-inkorporazzjoni subreġjonali u komunitarja tagħhom, u l-integrazzjoni tal-inklużjoni soċjali fl-iżviluppi reġjonali. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu inklużjoni ta' perspettiva tal-ġeneru.
  
24. It-tranżizzjoni diġitali aċċellerat fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku. Minbarra l-isfidi li tippreżenta, id-diġitalizzazzjoni tista' tipprovdi benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti u toffri opportunitajiet biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità, aċċessibbli u affordabbli. Madankollu, il-pass rapidu tat-tranżizzjoni diġitali jista' jwassal għall-esklużjoni diġitali, b'individwi, unitajiet domestiċi, intrapriżi u żoni ġeografiċi jkollhom livelli differenti ta' aċċess għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż l-internet. Sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali, huwa essenzjali li jittieħdu miżuri biex tiġi indirizzata l-esklużjoni diġitali u biex jiġu appoġġati l-persuni fil-bżonn, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet diġitali u lingwistiċi tagħhom. Huwa importanti wkoll li jkompli jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi mhux diġitali sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-persuni li jiffaċċaw ostakli għall-użu tas-servizzi online. Huwa importanti wkoll li jiġi rikonoxxut li l-miżuri ta' diġitalizzazzjoni jistgħu jagħmluha aktar diffiċli għall-persuni fil-bżonn biex jaċċessaw is-servizzi li jeħtieġu.
  
25. Dawn il-konklużjonijiet jibnu fuq il-ħidma preċedenti u l-impenji politiċi espressi mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-anness.

## **IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

26. Jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom, li jindika l-hteġa li jissaħħu l-isforzi biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-Kummissjoni u dan is-sett ta' konklużjonijiet.

### **JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, BIE X**

27. Jippromwovu l-koerenza, l-effettività u l-inkorporazzjoni tal-istrategġiji ta' żvilupp reġjonali tagħhom u l-politiki ta' inklużjoni soċjali lokali u mikroreġjonali tagħhom, b'enfasi partikolari fuq persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, bl-għan li jiġi żgurat aċċess ugwali għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità għal kulħadd, irrispettivament minn fejn jgħixu n-nies, billi:
- a. jappoġġaw it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' strategġiji jew pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq il-post, inkluż, fejn rilevanti, miżuri ta' desegregazzjoni territorjali, u ż-żamma jew il-kisba tal-kapaċitajiet u l-għarfien espert meħtieġa għall-iżvilupp ta' dawk l-istrategġiji jew il-pjanijiet, pereżempju billi jinħarġu linji gwida;
  - b. jiżguraw governanza f'diversi livelli adegwata jew isaħħu dik eżistenti u jagħmlu l-istess għal mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni stabbiliti sew, li jippermettu lil dawk li jaħdmu f'livelli differenti tal-gvern fis-setturi rilevanti kollha jikkollaboraw fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika, kif ukoll li jikkoordinaw u jsaħħu b'mod reċiproku l-interventi tagħhom u jadattawhom, abbażi ta' data ta' kwalità għolja, f'waqtha u affidabbli diżaggregata skont is-sess u l-età, għall-ħtiġijiet lokali/mikroreġjonali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom. Il-partijiet ikkonċernati bħas-soċjetà ċivili, ir-rappreżentanti ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, l-organizzazzjonijiet u l-esperti li jaħdmu għall-inklużjoni soċjali, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali u s-sħab soċjali, f'konformità mar-rwol u l-awtonomija tagħhom, għandhom ikunu involuti fil-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni;

- c. jappoġġaw il-kooperazzjoni territorjali tal-awtoritajiet lokali, il-muniċipalitajiet u l-entitajiet territorjali (inkluż, fejn rilevanti, f'kuntasti transfruntiera u tranżnazzjonali), sabiex l-isfidi fl-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità jkunu jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' użu aktar effiċjenti tar-riżorsi disponibbli;
- d. itejbu l-identifikazzjoni u l-immappjar ta' territorji żvantaġġati jew fejn hemm segregazzjoni residenzjali (muniċipalitajiet u/jew partijiet ta' muniċipalitajiet) fejn sehem għoli tal-popolazzjoni qed tgħix fil-faqar jew qed tesperjenza esklużjoni soċjali. Dan jista' jkun ibbażat, pereżempju, fuq taħlita xierqa ta' indikaturi soċjali u ekonomiċi diżaggregati skont is-sess u l-età (eż. billi jiġu inklużi r-rata ta' impjieg, il-livell ta' introjtu, il-privazzjoni materjali, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, it-trasport, jew fejn rilevanti, indikaturi dwar persuni li ġejjin minn kuntast ta' migrazzjoni, eċċ.);
- e. itejbu l-għarfien u l-għarfien espert fost il-persunal rilevanti tal-fornituri tas-servizzi permezz ta' sensibilizzazzjoni u billi jiġi offrut taħriġ dwar it-trattament ugwali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.
- f. jappoġġaw, bl-użu tal-fondi eżistenti tal-UE u dawk nazzjonali, żviluppi lokali/mikroreġjonali integrati li jirrispondu għal sfidi kumplessi f'territorji żvantaġġati jew fejn hemm segregazzjoni residenzjali.
- g. joqgħodu attenti għall-karatteristiċi differenti taż-żoni rurali u urbani, u jsir użu saħansitra aktar effettiv tal-opportunitajiet ipprovduti mill-ġhodod eżistenti, bħall-ippjanar immexxi mill-komunità jew l-ippjanar soċjali, inkluż fl-iżviluppi mmirati lejn l-inklużjoni soċjali ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom.
- h. jagħmlu l-aħjar użu mill-finanzjament kollu disponibbli, filwaqt li jiġu żgurati l-komplementarjetajiet u l-approċċi integrati, kif ukoll is-sostenibbiltà fit-tul tar-riżultati.
- i. jimmonitorjaw u jevalwaw regolarment l-impatt tal-iżviluppi u l-fondi użati għall-inklużjoni soċjali.

28. Joqgħodu attenti għall-aspetti territorjali tat-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità, u għall-indirizzar tal-inugwaljanzi territorjali li jfixxlu l-inklużjoni soċjali. Bħala mezz possibbli għal dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu:
- a. jappoġġaw miżuri integrati li jikkombinaw l-iżviluppi fil-qasam tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-kura fit-tul u l-indukrar tat-tfal, l-educazzjoni u t-taħriġ biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-membri ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġħ, kif ukoll in-nisa u fejn rilevanti l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni;
  - b. jagħmlu użu mit-teknoloġija diġitali, inkluż is-servizzi pubbliċi elettroniċi, bil-ħsieb li jtejbu l-ugwaljanza tal-aċċess. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-persuni li jiffaċċaw ostakli għall-użu ta' servizzi online, ikomplu jiżguraw il-forniment adegwat ta' servizzi mhux diġitali u d-disponibbiltà tat-trasport pubbliku;
  - c. jappoġġaw l-aċċess għat-teknoloġiji diġitali għal persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, billi jiżviluppaw infrastruttura biex itejbu l-konnessjonijiet tal-internet u billi jadottaw miżuri konkreti biex itejbu l-ħiliet diġitali, u b'hekk inaqqsu l-esklużjoni diġitali;
  - d. jużaw l-opportunitajiet ipprovduti mit-teknoloġija diġitali biex inaqqsu l-iżvantaġġi relatati mal-ħiliet, b'mod partikolari f'żoni periferiċi u remoti; u
  - e. jinvolvu lis-settur mhux pubbliku fit-tfassil u l-għoti ta' servizzi biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali.

## **JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, BIEX SKONT IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM**

29. Jiżguraw li l-politiki komunitarji u bbażati fuq il-post irawmu l-iżvilupp reġjonali filwaqt li jnaqqsu d-disparitajiet interni inkluż is-segregazzjoni u l-esklużjoni spazjali u jappoġġaw l-aċċess għas-servizzi rilevanti. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-oqsma ta' politika rilevanti u bejn il-livelli kollha ta' governanza, l-iżgurar tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri kif ukoll il-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni li jgħixu fl-istess territorju żvantaġġat (bħall-ħtiġijiet tat-tfal jew tal-persuni b'diżabbiltà) huma wkoll fatturi ewlenin sabiex jiġi żgurat li l-aspetti tal-inklużjoni soċjali jkunu riflessi u integrati tajjeb fl-iżvilupp reġjonali, rurali u urban.
30. Jistinkaw biex ikomplu jaħdmu fuq approċċ territorjali u biex jivvalutaw l-effettività tal-iżviluppi minn perspettiva territorjali f'rapporti nazzjonali u fil-livell tal-UE dwar l-implimentazzjoni ta' oqfsa strateġiċi nazzjonali u evalwazzjonijiet tagħhom, inkluż għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, inkluż ir-Rom, u l-aċċess tagħhom għas-servizzi.

## **JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX**

31. Tqis is-sinifikat tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi territorjali fil-pjan ta' azzjoni l-ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fl-istrateġija li jmiss tal-UE kontra l-faqar.
32. Tqis li tirrieżamina l-Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-servizzi soċjali b'mod konġunt mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, u f'dan il-kuntest, tqis il-potenzjal tas-servizzi soċjali għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi territorjali u l-użu tad-diġitalizzazzjoni biex jittejjeb l-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità.

**JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-KUMITAT TAL-IMPJIEGI, F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX**

33. Iqisu l-fattibbiltà u l-valur miżjud tat-titjib tal-indikaturi soċjali rilevanti tal-UE, biex jappoġġaw l-isforzi tal-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' territorji żvantaġġati, it-titjib tal-aċċess għal servizzi ta' sostenn u servizzi tal-impjiegi ta' kwalità kif ukoll il-monitoraġġ tal-iżviluppi mmirati lejn territorji żvantaġġati, filwaqt li jittieħed kont tal-indikaturi eżistenti u d-data diżaggregata skont is-sess u l-età.
34. Jibdew u jħeġġu, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-iskambji tal-aħjar Prattika bejn l-Istati Membri, fuq bażi volontarja, fir-rigward tal-identifikazzjoni, il-kejl u l-ġestjoni tal-inugwaljanzi territorjali inkluż permezz ta' strateġiji lokali u bbażati fuq il-post u pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq data u evidenza ta' kwalità għolja sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-isforzi analitiċi nazzjonali tagħhom.
-



## **Referenzi**

### **UE interistituzzjonali**

- Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali  
<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1226&langId=mt>

### **Leġiżlazzjoni tal-UE**

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180/22, 19.7.2000, p. 22)
- Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231/21, 30.6.2021)

### **Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

- Ir-Rakkomandazzjoni tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (ĠU C 93/1, 19.3.2021)
- Ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223/14, 22.6.2021)
- Ir-Rakkomandazzjoni tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41/1, 3.2.2023)
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (ĠU C, C/2023/1344)
- Il-Konklużjonijiet dwar miżuri biex jiġi żgurat aċċess ugwali għar-Rom għal akkomodazzjoni adegwata u mhux segregata, u biex jiġu indirizzati l-insedjamenti segregati (13517/23)

### **Parlament Ewropew**

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2022 dwar is-sitwazzjoni tal-persuni Rom li jgħixu f'insedjamenti fl-UE (2022/2662(RSP))

## **Kummissjoni Ewropea**

- Il-Linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-oqfsa strateġiċi nazzjonali tar-Rom (COM(2020) 620 final)
- Id-disa' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali  
[https://ec.europa.eu/regional\\_policy/information-sources/cohesion-report\\_en](https://ec.europa.eu/regional_policy/information-sources/cohesion-report_en)
- Access għal servizzi essenzjali: sfidi ewlenin għal dawk l-aktar vulnerabbli – rapport  
[https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&furtherNews=yes&newsId=10595&pk\\_source=newsletter&pk\\_medium=email&pk\\_campaign=eusocial\\_newsletter](https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=89&furtherNews=yes&newsId=10595&pk_source=newsletter&pk_medium=email&pk_campaign=eusocial_newsletter)
- Aġenda Territorjali 2030 – Futur għall-postijiet kollha  
[https://ec.europa.eu/regional\\_policy/en/information/publications/brochures/2021/territorial-agenda-2030-a-future-for-all-places](https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/brochures/2021/territorial-agenda-2030-a-future-for-all-places)
- Il-Komunikazzjoni dwar "L-isfruttar tat-Talent fir-reġjuni tal-Ewropa" (5252/23 + ADD1)

## **Kumitat tar-Reġjuni**

- L-Opinjoni dwar L-indirizzar tal-inugwaljanzi territorjali billi jittejjeb l-aċċess għas-servizzi soċjali
- Il-Valutazzjoni tal-impatt territorjali  
<https://cor.europa.eu/en/our-work/Pages/Territorial-Impact-Assessment.aspx>

## **Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali**

- Stħarriġ tal-2021 dwar ir-Rom  
<https://fra.europa.eu/en/themes/roma>
- Ugwaljanza fl-UE 20 sena mill-implimentazzjoni inizjali tad-direttivi dwar l-ugwaljanza  
<https://fra.europa.eu/en/publication/2021/fra-opinion-eu-equality-20-years>
- Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2024  
<https://fra.europa.eu/en/publication/2024/fundamental-rights-report-2024>

## Oħrajn

- Ir-Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-protezzjoni soċjali u tal-istat soċjali fl-UE

[https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=88&eventsId=2057&furtherEvents=yes&pk\\_source=newsletter&pk\\_medium=email&pk\\_campaign=eusocial\\_newsletter](https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=88&eventsId=2057&furtherEvents=yes&pk_source=newsletter&pk_medium=email&pk_campaign=eusocial_newsletter)

---